MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru. 444/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER MIRUZZI**

**KONTRA**

**PHILIP SANT ta’ 51 sena, iben Salvu u Emmanuela nee’ Sammut, imwieled San Pawl il-Bahar nhar it-03.12.1958, residenti fil-fond 57, Iris, Triq Guzeppi Callus, Mosta, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 754158M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi PHILIP SANT li gie akkuzat talli:

1. Nhar id-19 ta’ Marzu, 2006 kif ukoll fil-granet ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer, bhala l-persuna li

zamm jew qabel li jzomm xi annimal, gieghel lill-istess isofri ugiegh, tbaghtija, jew dwejjaq minghajr bzonn, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(2) u 8(3) ta’ l-Att 25/2001 dwar il-Harsien ta’ l-Annimali.

Rat li fi stadju ta’ nterrogatorju Philip Sant kien fl-ewwel lok wiegeb li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll irregistra htija ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll li moghti z-zmien biex jahseb fuq din l-akkuza minnu ammessa, Philip Sant ghazel illi jirtira l-ammissjoni tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoniijet;

Rat in-noti ezebiti.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza si tratta xejn hlief mohqrija kbira fuq kelb li nstab marbut fir-razzett ta’ Philip Sant – ammess dan minghand l-istess Sant l-imputat, u huh Victor li xehed in difesa li dan il-kelb sabuh mitluq, rabtuh, temghuh u anke ghamlulu l-isfar fuq il-griehi ferm koroh li kellu fuq gismu dan l-istess kelb. Jghid Philip Sant li dan il-kelb ghamillu certu hsara lill-fniek tieghu billi qatilhomlu, u ghalhekk zammu biex ifittex lil sidu minhabba l-hsara. Dan huwa fatt konfermat minn huh Victor Sant. Din il-verzjoni hija wahda li giet ikkonfermata minn PS 1298 Lambert Zammit li kkonferma li Sant kien qallu li l-kelb kien sabu, anke qallu li kien ipprova jikkurah bl-isfar.

Minn naha l-ohra PC 1273 Klaus Mifsud xehed illi hu wkoll kien mar ir-razzett fuq ir-rapport ta’ dan il-kelb. Hawn ra kelb li tant kien marbut, bilkemm jiccaqlaq, u li kellu l-irbit tieghu tant issikkati li c-cinga dahlitlu f’ghonqu.

Qal li hu kellem lil Sant u dan kien qallu li l-kelb kien tieghu u rabtu b'dak il-mod ghax kien harablu darbtejn.

Minn naha tieghu Martin Debattista, volontarju, xehed illi l-griehi li kellu l-kelb kienu ndikattivi li kien ilu marbut ghal zmien twil, tant illi l-habel dahallu fil-gilda. Jghid ukoll illi l-kelb kien mugugh pero kien mitmugh sew.

Senjalamenet viva voce Philip Sant xehed illi kien hu li ghax sab dan il-kelb, ghamillu l-habel ma' ghonqu, temghu, u tah jixrob. Qal ukoll illi l-kelb kien ilu ghandu minn tnax-il gurnata jew hmistax qabel.

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Avukat Difensur fejn issottometta li ….tal-Ligi ma kinitx tikkostitwixxi reat, pero kienet biss wahda dikjaratorja. Fil-fatt il-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-Artikolu 8 tieghu dedikat ghall-Harsien ta' l-Annimali, fl-ewwel sub-inciz jitkellem fuq regolamenti li ghandu jaghmel il-Ministru fuq speci u katergoriji ta' annimali, dwar harsien taghhom, li jigu mitmugha, mosqijin, imdewwa, u mghallma.

Is-sub-inciz 2 jghid illi *'l-ebda annimal ma ghandu jigi mgieghel isofri ugiegh, tbaghtija, jew dwejjaq minghajr bzonn, u ebda annimal ma jista' jigi abbandunat'*

Is-sub-inciz 3 jaqra *'Kull min izomm l-annimali jew jaqbel li jzomm l-annimali ghandu jkun responsabbli ghal trattament xieraq taghhom.'*

Huwa vera dak illi ssottolinea l-Avukat Difensur li l-Ligi hawn fis-sub-artikolu 2 mhix miktuba bil-mod dogmatiku u l-iktar komuni, u cioe' li tghid li *'kull min izomm annimal ghandu…'*, pero ma taqbilx il-Qorti li b'daqshekk mhux kostit….ir-reat. Hawn is-Sub-Artikolu 2 qieghed verament jistabilixxi r-reita' jekk annimal jigi mgieghel isofri, ibaghti, etc, mentri s-Sub-Inciz 3 jitfa' r-responsabbilta' tal-kura sew u idonea fuq kull min jaghzel li jzomm annimal.

Ghandu ragun ukoll l-Avukat Difensur li m'hemm ebda regolamenti maghmula taht l-Artikolu 8(1) dwar l-Annimali

Domestici. Pero l-principju generali kif elenkat fis-Sub-Inciz 2 u 3 jnehhi tali preokkupazzjoni minn mohh il-Qorti, in kwantu dawn huma principji generali ta’ kura logika u generali. M’hemmx ghalfejn regolamenti Ministerjali biex wiehed jinduna kif ghandu jkun irbit ta’ kelb domestiku – certament mhux wiehed illi jidhollu fil-gilda u l-laham tant kemm ikun hekk ghal zmien twil u ssikkat.

Illi din il-Qorti pero, in vista’ tal-provi prodotti, ser taghti l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat in kwantu li lesta temmnu li l-kelb kien ilu ghandu biss xi gimaghtejn u anke sahansitra ghamillu l-isfar biex idewwieh. Ghalhekk tiskarta dak li xehed PC 1273, cioe’ li Sant ammetta li l-kelb kien tieghu u kien hekk rabtu ghax kien jahrablu.

Issa l-mens rea li hija mehtiega hawn hija l-harsien generali ta’ l-annimal nuqqas ta’ ugiegh, tbaghtija u ghalhekk u ovvjament trattament xieraq.

Tistaqsi l-Qorti, jekk allura ser temmen it-tezi ta’ l-imputat li ex-admissis rega’ rabat il-kelb fuq gerha ferm kera li gia’ kellu ma’ ghonqu, hlief ghal ftit isfar, dan huwa trattament xieraq? Hekk jissejjah li terga’ torbot kelb minn gerha ta’ dik gia’ sofferta fuq ghonqu, gerha li hu ovvju ghal min ihobb l-annimali bhal ma stqarr l-imputat, li certament zgur u inekwivokamenet hija maghmula mill-irbit??

Ghaldaqstant, tenut dan kollu premess, din il-Qorti qieghda ssib htija ai termini ta’ l-Artikoli 8 u 45 tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal hlas ta’ multa fl-ammont ta’ €500(hames mitt Ewro).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------